MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru. 830/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**EMANUEL TABONE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Tabone ta' 55 sena bin il-mejjet Francis u Catherine nee' Mifsud imwieled Qormi fit-18 ta' Gunju, 1957 u joqghod 59, Triq il-Kuncizzjoni, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 409457(M)

Gie akkuzat talli f'Mejju 2011, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Giorgia Bartolo detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 240256(M), ai terminu ta' l-artikoli **308, 309, u 310(1)(b)** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Giorgia Bartolo detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 240256(M), ai termini ta' l-artikolu **293** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MC1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 293, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Tabone, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Emanuel Tabone ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Emanuel Tabone jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tobbliga lill-imputat Emanuel Tabone li jhallas lil Giorgia Bartolo fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (Ewro 1,500) bhala is-somma dovuta lil Giorgia Bartolo da parti tal-imputat rigward dan il-kaz.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Tabone l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------